**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju, 2019**

**Talba Nru: 123/2019PM1**

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. (C8692)**

**Vs**

**Dolittle & Fishmore Ltd (C79128) u Pantzar Jan Erik (KI 110505(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 ta' Mejju, 2019 illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, mitejn, tmienja u erbghin euro u disgha u sittin centezmi (€3248.69) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata mis-socjeta` rikorrenti lill-intimati; bl-ispejjez kif ukoll bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba senjatament l-iskrittura iffirmata mill-intimat Pantzar u *statement* datat 18 t'Ottubru, 2019.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi.

Sema' x-xhieda ta' Marvin Sapiano moghtija fl-imsemmija seduta tal-11 ta' Lulju, 2019 li permezz taghha ikkonferma li l-ammont kollu kif mitlub ghadu dovut mill-intimati in rapprezentanza ta' merkanzija konsistenti minn ikel li gie mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta` attrici lill-konvenuti ghall-uzu fl-istabbiliment tal-ikel gestit minnhom.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza finali ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikati l-konvenuti naqsu milli jattendu ghas-seduti tat-8 ta' Lulju, 2019 u tal-11 ta' Lulju, 2019 u lanqas ma prezentaw ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-konvenuti lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-11 ta' Lulju, 2019. It-Tribunal jinnota wkoll li l-iskrittura annessa mal-avviz tinsab sottoskritta mill-konvenut Pantzer kemm a nom tas-socjeta` konvenuta u kif ukoll f'ismu proprju bhala garanti tal-istess socjeta` konvenuta.

Illi ghaldaqstant it-talba attrici timmerita li tigi milqugha fil-konfront taz-zewg konvenuti. Fir-rigward tal-imghaxijiet irrizulta wkoll kemm mid-dokumentazzjoni ezebita u kif ukoll mix-xhieda ta' Marvin Sapiano li n-negozju kien wiehed kummercjali u kwindi l-imghaxijiet ghandhom jindew jiddekorru mid-dati tal-konsenji relattivi kif elenkati fl-i*statement* anness mal-avviz (a fol. 3 tal-process).

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta’ tlett elef, mitejn, tmienja u erbghin euro u disgha u sittin centezmi (€3248.69) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u debitament konsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenuti; bl-ispejjez kif ukoll bl-imghaxijiet mid-dati tal-konsenji relattivi kif jirrizultaw mid-dokument a fol. 3 tal-process sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess konvenuti.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**